# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħdax (11) ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru 723/09 FDP**

Fl-ismijiet

**Christine Hannah Burns (Passaport Ingliż Nru 209251744) bħala mandatarja speċjali ta' John Burns, assenti minn Malta**

**Vs**

**Paul Ebejer f'ismu proprio u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Water Sports Operations Limited (C 33602) ġia Sun 'N' Fun Water Sports Limited (C 33602) u Luke Curmi u, b'digriet tad-19 ta' Jannar 2011, ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited.**

## Il-Qorti:-

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Lulju 2009, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talbet is-segwenti:

*Illi fil-25 ta' Lulju 2007, waqt li John Burns kien qiegħed riekeb fuq saqqu tal-baħar (Crazy Sofa) miġbud minn Speed Boat, f'San Ġiljan, huwa ttajjar minn fuq il-Crazy Sofa u sofra danni ta' natura permanenti.*

*Illi ir-rikba li ħa l-attur kienet operata mis-soċjeta' Sun 'N' Fun Water Sports Limited, mentri l-ispeed boat in kwestjoni kienet misjuqa mill-konvenut Luke Curmi li kien impjegat, jew imqabbad mis-soċjeta' Sun 'N' Fun Water Sports Limited, li d-direttur tagħha huwa Paul Ebejer; L-ispeed boat in kwestjoni kienet ta' Paul Ebejer jew tas-soċjeta' Sun 'N' Fun Water Sports Limited.*

*Illi bħala riżultat ta' dan l-inċident John Bums spiċċa "tetraplegic" u ma hu fl-ebda kapaċita' li jiżvolġi xi attivita' ekonomika, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża,*

*Illi għall-istess inċident u danni konsegwenzjali huma unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom, minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni, nuqqas ta' attenzjoni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti relattivi, da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, u dan kif ser jirriżulta fil-kors tal-kawża.*

*Illi għalkemm interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attriċi nomine, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-25 ta' Lulju 2007, meta John Burns, debitament rappreżentat mill-attriċi nomine, kien riekeb fuq il-crazy sofa, f'liema inċident l-attur sofra danni fuq il-persuna tiegħu;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, bil-konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bl-operata' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-attriċi nomine dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja datata 16 ta' Novembru 2007 u tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Lulju 2009, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Paul Ebejer ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2009, fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

(1) *Illi fl-ewwel lok, Paul Ebejer personalment għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Illi il-mertu tal-kawża jirrigwarda danni sofferti minn John Burns meta waqa' minn apparat ossia 'Crazy Sofa', propjeta' ta' soċjeta' terza, trasportata minn dgħajsa propjeta' ta' l-istess soċjeta' terza, waqt illi kienet misjuqa minn persuna ingaġġata mis-soċjeta' intimata, Luke Curmi, fil-presenza ta' persuna oħra, Albert Camenzuli, ukoll ingaġġat mis-soċjeta' intimata.*

*Illi għalhekk, fl-ewwel lok, l-esponent Paul Ebejer personalment ma għandu l-ebda konnessjoni personali ma' l-inċident mertu tal-kawża u l-unika konnessjoni illi dan għandu ma' l-imsemmi inċident hija semmai unikament qua direttur tas-soċjeta' Sun 'N' Fun Watersports Limited bħala il-kumpannija illi kienet l-operatriċi tad-dgħajsa involuta fl-inċident u l-apparat ossia 'Crazy Sofa' kif ukoll kienet il-kumpannija illi offriet u organizzat ir-rikba fuq il-Crazy Sofa u ingaġġat lill-persuni illi kienu qed isuqu d-dgħajsa in kwistjoni. Għalhekk Paul Ebejer personalment għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

(2) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma kien hemm ebda negliġenza, traskuraġni, imperizja jew nuqqasijiet ta' parti ta' l-esponenti.*

*Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat Paul Ebejer proprio et nomine, illi ilu jopera fil-kamp tal-'watersports' għal ħafna snin, dejjem mexxa n-negozju tiegħu b'diliġenza kbira u dejjem u kostentement adotta kriterji għolja ta' għaqal u sigurta' u osserva dawn il-kriterji b'reqqa kbira, f'kull stadju ta' l-operat tiegħu inter alia, (1) fl-istadju ta' l-għażla u x-xiri tat-tip ta' apparat u dgħajjes użati fis-servizzi mogħtija lill-klijenti (2) fil-liċenzjar ta' dan l-apparat (3) fl-assikurazzjoni għall-klijenti tas-servizzi offerti*

*(4) f'manutenzjoni ta' kwalunkwe apparat u dgħajjes użati fin-negozju (5) fl-istadju ta' l-għażla u l-ingaġġar ta' persuni mal-kumpannija inkluż persuni ingaġġati sabiex irendu direttament is-servizz lill-klijenti tal-kumpannija, (6) fl-impożizzjoni ta' policies interni illi jassikuraw illi l-konsumaturi tas-servizzi jagħmlu għażla infurmata dwar is-servizz mixtieq jew mitlub (7) fl-impożizzjoni ta' policies interni dwar is-servizzi illi għandhom jew ma għandhomx jingħataw skond it-temp, (8) fl-impożizzjoni ta' regoli interni dwar assistenza illi għandha tingħata lill-klijenti f'mumenti ta' bżonn (9) fl-impożizzjoni ta' regoli interni u regolamenti applikabbli fl-ambitu ta' 'watersports', fosthom dwar il-mod kif għandhom jinstaqu d-dgħajjes relattivament għas-servizz mitlub inkluż limitazzjoni ta' veloċita' u n-neċessita' illi jkun hemm 'observer' f'ċerti vjaġġi (10) fl-impożizzjoni ta' oġġetti ta' sigurta' mogħtija lill-klijenti bħal fil-każ odjern, life vests.*

*Illi in konnessjoni mal-'Crazy Sofa', Paul Ebejer kien għamel riċerka dwar dan l-apparat qabel ma nxtara u ħa il-miżuri kollha neċessarji anke qabel ma xtarahom, dwar is-sigurta' ta' tali apparat, il-kwalita' tiegħu u l-mod kif kellu jintuża u dan permezz ta' kuntatt dirett mal-manifatturi u operaturi illi kienu jużawh - dan qabel ma nxtara l-apparat stess sabiex jassikura illi klijenti kellhom a dispożizzjoni tagħhom servizz ta' ċertu livell ta' sigurta'.*

*Illi jiżdied jingħad illi l-'Crazy Sofa' hija fost l-aktar apparat popolari fost il-klijenti u rikba fuq 'Crazy Sofa; hija kkunsidrata bħala 'watersports' ta' sigurta' kbira u ferm akbar minn 'watersports' oħra tant illi huwa adattat anke għal tfal żgħar. Jingħad ukoll illi minn meta bdiet tintuża l-Crazy Sofa u dan bosta snin ilu, qatt ma kien hemm inċidenti*

*Illi in piu', Paul Ebejer dejjem ħa ħsieb manutenzjoni ta' dan l-apparat;*

*Illi in kwantu għad-dgħajsa użata għar-rikba illi fiha seħħ l-inċident, Paul Ebejer dejjem għamel manutenzjoni regolari fid-dgħajsa u wkoll assikura illi kienet tissodisfa r-regoli imposti mill-liġi għal dgħajjes ta' dak it-tip;*

*Illi l-esponenti dejjem assikuraw u addottaw konforma pjena mar-regoli imposti mill-liġi fl-operat tas-servizzi ta' 'watersports'.*

*(2) Illi għalkemm l-esponenti Ebejer ma kienx preżenti, huwa assigura illi l-operaturi huma nies kompetenti.*

*Illi l-esponent proprio et nomine ma kienx preżenti waqt l-inċident u l-inċident seħħ waqt illi d-dgħajsa kienet qed tinstaq minn terza persuna, Luke Curmi, fil-preżenza ta' osservatur, Albert Camenzuli.*

*Illi qabel ma ingaġġa lil Luke Curmi, Paul Ebejer proprio et nomine kien assikura il' Luke Curmi kien persuna kompetenti sabiex isuq id-dgħajsa in kwistjoni u illi kien kompetenti jaħdem f'inkarigi assenjati lilu. Fil-fatt din kienet it-tieni sena illi fiha Luke Curmi kien qiegħed jaħdem mas-soċjeta' esponenti.*

*Illi wkoll, l-esponent proprio et nomine kien assikura illi Albert Camenzuli huwa persuna komptenti għall-inkarigu assenjat lilu;*

*Illi kemm il-kompetenza ta' dawn il-persuni kif ukoll diliġenza fl-għażla ta' dawn il- persuni da parti ta' l-esponenti proprio et nomine ser tiġi ppruvata waqt il-kawża u biżżejjed illi jingħad illi l-mod kif ġabu ruħhom waqt u wara illi seħħ l-inċident, l- għajnuna u l-assistenza issomministrata minnhom u l-professjonalita' f'dan, huwa ferm indikattiv tal-kwalitajiet ta' dawn il-persuni ingaġġati mill-esponent nomine;*

*(4) Illi l-inċident kien purament każ sfortunat illi ma kien la prevedibbli u wisq anqas evitabbli.*

*Illi ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tifel tal-vittma John Burns kien riekeb l-istess apparat u kien bil-qegħda eżatt ma' ġenb missieru, il-vittma, fil-ħin ta' l-inċident - madanakollu ma waqax u ma ġralu assolutament xejn*

*Illi a bażi tas-suespost u kif ser jiġi ippruvat waqt il-kawża, id-danni sofferti mir-rikorrent John Burns huma purament riżultat ta' inċident sfortunat għall-aħħar iżda illi bl-ebda mod ma huwa konness ma' xi negliġenza, imperizja, traskuraġni, nuqqas ta' attenzjoni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolameti relattivi da parti ta' l-esponent proprio et nomine.*

*Għaldaqstant l-allegazzjonijiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fid-19 ta' Jannar 2010, l-intimat Luke Curmi laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*(1) Illi preliminarjament tiġi eċċepita l-preskrizzjoni għat-talbiet attriċi stante li l-mertu tal-kawża odjerna huwa preskritt b'terminu ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2153 tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attriċi fil-konfront u kif diretti lejn l-intimat personalment huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*(3) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat kien qiegħed fuq xogħolu u waqt il-qadi ta' dmirijietu mal-Kumpannija Sun 'N' Fun Water Sports Limited u għaldaqstant, se mai, hija l-Kumpannija intimata li għandha tirrispondi għal dan l-inċident f'każ ta' kwalunkwe ħtija u mhux l-intimat proprio;*

*(4) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-apparat in kwistjoni u ċioe' l-apparat li bih ir-rikorrent sofra l-allegatament diżabilita' permanenti huwa proprjeta' ta' Sun 'N' Fun Water Sports Limited u għaldaqstant hija l-Kumpannija intimata responsabbli għal-kwalunkwe inċident li jseħħ bl-istess apparat u mhux l-intimat li kien biss qed jagħmel xogħolu;*

*(5) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fis-sewqan tal-opra tal-baħar in kwistjoni l-intimat aġixxa skond is-sengħa u l-arti, b'mod responsabbli u ħa l-prekawzjonijiet kollha possibbli għas-salvagwardja tal-persuni, li minn jeddhom, għażlu li jitilgħu fuq il-'Crazy sofa' in kwistjoni;*

*(6) Salv eċċezzjoniet oħra.*

4. Rat illi fil-5 ta' Frar 2010, is-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limtied għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company talbet illi tintervjeni 'in statu et terminis', fil-kawża, liema rikors sussegwentement ġie minnha stess irtirat fis-16 ta' Frar 2010.

5. Rat illi fil-15 ta' Diċembru 2010 l-intimat Paul Ebejer talab għall-kjamat in kawża tas-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limtied għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company liema talba intlaqgħet fid-19 ta' Jannar 2011. (fol 124)

6. Rat illi s-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited nomine ġiet notifikata fid-digriet tal-kjamata tagħha fil-15 ta' Marzu 2012 u ppreżentat ir-risposta tagħha fil-21 ta' Marzu 2012 fejn laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dana għas-segwenti raġunijiet:*

   2. *Illi in linea preliminari, s-soċjeta' esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dana stante li l-istess soċjeta' esponenti, kjamat in kawża, m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, u lanqas hija b'xi mod, direttament jew indirettament, responsabbli jew b'xi mod involuta fl-inċident de quo.*

   3. *Illi sussidjarjament u dejjem bla preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti kjamat in kawża, bħala rappreżentatriċi tas-soċjeta' estera Chartis Europe Limited, hija s-soċjeta' assiguratriċi tal-Lukanda Corinthia, u għalhekk indirettament ukoll tal-konvenut Sun 'N' Fun Water Sports Limited, bħala operatur ta' water sports ingaġġat ma' l-istess lukanda, u dana dejjem skond u abbażi tal-kondizzjonijiet ta' l-istess polza ta' assigurazzjoni, liema polza relattiva għandha "limits of indemnity" u għalhekk qatt ma tista' tiġi kkundannata tħallas għall-ammont akbar minn dak skond kif previst mill-istess kuntratt ta' assigurazzjoni.*

   4. *Illi sussidjarjament u dejjem bħal preġudizzju għall-premess, għall-inċident in kwistjoni ma jaħti ħadd billi huwa ċar li hawn si tratta ta' casus, u ċioe' inċident sfortunat u li ma jaħti ħadd għalih.*

   5. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

## Provi

7. Rat illi fit-12 ta' Frar 2010, ir-rikorrent ippreżenta serje ta' dokumentazzjoni, illi kienu s-segwenti:

   a. Rapport maħruġ mill-head occupational therapist datat 24 ta' Settembru 2007. (fol 31)
   b. Rapport tat-temp maħruġ mill-Malta International Airport. (fol 39)
   c. Rapport tar-riħ maħruġ minn Windguru. (fol 40)
   d. Ittra maħruġa minn Dr Jan Gawronski datata 27 ta' Novembru 2007 li tikkonferma li l-attur għandu "permanent and complete Tetraplegia". (fol 41)
   e. Medical pro forma maħruġa minn Dr Jan Gawronski. (fol 43)
   f. Discharge letter maħruġa minn Dr Frederick Zammit Maempel. (fol 44)
   g. 24hour care plan għall-attur ippreparata għalih mill-iSpinal Cord Injury Centre. (fol 45)
   h. Dettalji dwar l-introjtu tal-attur u r-returns tat-Taxxa tiegħu. (fol 53)
   i. Kopja tal-passaport tal-attriċi nomine. (fol 58)
   j. Prospett tad-danni (lucrum cessans). (fol 59)
   k. Rata tal-kambju bejn l-Isterlina u l-Ewro fil-25 ta' Lulju 2007. (fol 60)

8. Rat illi fit-23 ta' Marzu 2010 ir-rikorrent ippreżenta serje ta' dokumentazzjoni, ossija s-segwenti:

    a. Kopja tal-passaport ta' John Joseph Burns. (fol 65)
    b. Affidavit ta' Dr Jan Gawronski b'varji dokumenti u rapporti mediċi annessi. (fol 70)
    c. Affidavit ta' John Joseph Burns b'varji dokumenti annessi. (fol 93)
    d. Affidavit ta' Christine Hannah Burns. (fol 114)
    e. Affidavit ta' Martin Paul Burns. (fol 118)

9. Rat fit-18 ta' Mejju 2010 il-Qorti appuntat lill-Assistant Ġudizzjarju Dr Yvette Cassar biex tiġbor il-provi, u xehdu s-segwenti:

    a. Paul Ebejer in subizzjoni fis-7 ta' Frar 2012. (fol 154)
    b. Joseph Schiavone, rappreżentant tal-MET Office, prodott mir-rikorrenti fis-27 ta' Settembru 2012, flimkien ma' dokumentazzjoni minnu eżebita dwar it-temp ta' dakinhar. (fol 393)
    c. Dr Robert Vassallo bħala rappreżentant ta' Transport Malta, prodott mir-rikorrenti fis-27 ta' Settembru 2012, flimkien ma' dokumentazzjoni dwar liċenzji relattivi. (fol 393).
    d. Dr Robert Vassallo bħala rappreżentant ta' Transport Malta, prodott mir-rikorrenti fl-20 ta' Novembru 2012, flimkien ma' dokumentazzjoni dwar liċenzji relattivi. (fol 419)
    e. Dr Michael Spiteri, Tabib stazzjonat ġewwa d-Dipartiment tal-Emerġenza, prodott mir-rikorrenti fl-1 ta' Frar 2013. (fol 430)
    f. Paul Ebejer, li xehed fid-9 ta' April 2013 u li eżebixxa dokumentazzjoni, inkluż Statement konġunta ta' Luke Curmi u Albert Camenzuli. (fol 489)
    g. Luke Curmi, prodott mir-rikorrenti fil-31 ta' Jannar 2014. (fol 509)
    h. Illi fil-31 ta' Jannar 2019, is-soċjeta' intimata P.W.A. Co. Ltd ġiet notifikata fl-indirizz ta' Walter Montebello fejn l-atti ingħataw lill-istess Walter Montebello. (fol 30)

10. Rat illi fit-8 ta' Awissu 2012 ġie ppreżentat il-file mediku tal-każ. (fol 164 – 382)

11. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2013 ir-rikorrenti ippreżenta dokumentazzjoni medika maħruġa mill-Isptar San Luqa. (fol 432 sa 486)

12. Rat illi fis-7 ta' April 2014 il-Qorti, diversament ippresjeduta, irrevokat l-inkarigu lill-Assistent Ġudizzjarju u ordnat illi jistemgħu x-xhieda quddiemha.

13. Rat ix-xhieda ta' Mr Frederick Zammit Maempel, mogħtija fl-20 ta' Novembru 2014. (fol 529)

14. Rat illi fl-20 ta' Novembru 2017 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

15. Rat ix-xhieda in eżami ta' Paul Ebejer mogħtija fid-29 ta' Jannar 2015 (fol 532) u d-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija l-"*Crazyshark Watersports Tube Manual*". (fol 534)

16. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Paul Ebejer mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2015. (fol 542)

17. Rat ix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech, Reġistratur tal-Qrati Kriminali, mogħtija fl-24 ta' Novembru 2015. (fol 555)

18. Rat ix-xhieda ta' Joseph Cauchi, stazzjonat il-Maritime Squadron tal-Forzi Armati ta' Malta, prodott mill-intimat Ebejer u mogħtija fit-3 ta' Frar 2016. (fol 584)

19. Rat illi fil-31 ta' Jannar 2016, u kkonfermata b'digriet tat-13 ta' Ġunju 2017 (fol 631), giet appuntata Dr Anna Maria Portelli bħala Perit Legali, sabiex tisma' l-kontro eżami ta' John Burns permezz ta' Skype.

20. Rat ix-xhieda ta' Frank Cassar, prodott mill-intimat Ebejer u mogħtija fit-3 ta' Frar 2016. (fol 586)

21. Rat illi fit-8 ta' April 2016 ġew ippreżentati dokumenti mir-rikorrenti relatati ma' benefiċċji soċjali. (fol 589)

22. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-Perit Legali Dr Anna Maria Portelli fl-1 ta' Ġunju 2016. (fol 603)

23. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fis-7 ta' Marzu 2017, ossija dokumentazzjoni rigwardanti ħlasijiet ta' diżabbilta' perċepiti minn John Burns. (fol 610)

24. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fl-4 ta' Lulju 2017 in konnessjoni ma' spejjeż u telf ta' qliegħ tiegħu. (fol 635)

25. Rat ix-xhieda ta' Albert Camenzuli, prodott mill-intimat Ebejer u mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2017. (fol 667)

26. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2017 is-soċjeta' Kjamata in Kawża Montaldo Insurance Agency Limited nominee ippreżentat l-ftehim ta' assikurazzjoni w il-Polza tal-Assikurazzjoni. (fol 670 – 732)

27. Rat ix-xhieda ippreżentata fil-15 ta' Novembru 2017, meħuda bi Skype mill-Perit Legali Dr Anna Maria Portelli fil-mansjonijet lilha mogħtija, li kienu jinkludu s-segwenti:

    a. Xhieda in kotro eżami ta' John Burns datata 15 ta' Frar 2016 bl-Iskype. (fol 737)
    b. Xhieda in kontro eżami ta' John Burns datata 10 ta' Marzu 2016. (fol 768)
    c. Xhieda in kontro eżami ta' John Burns datata 4 ta' April 2016. (fol 786)
    d. Xhieda in kontro eżami ta' Christine Burns mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2016. (fol 792)
    e. Xhieda in kontro eżami ta' Martin Burns mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2016. (fol 806)

f. Xhieda in kontro eżami ta' Paul Byrnes mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2016. (fol 820)
g. Xhieda in kontro eżami ta' Paul Byrnes mogħtija fit-23 ta' Frar 2017. (fol 831)
h. Xhieda in kontro eżami ta' Paul Brynes mogħtija fis-17 ta' Mejju 2017. (fol 842)

28. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Mr Frederick Zammit Maempel mogħtija fl-24 ta' Jannar 2018. (fol 859)

29. Rat illi fil-25 ta' Jannar 2018 ir-rappreżentant tas-soċjeta' Sun n' Fun Watersports Limited għarraf il-Qorti illi s-soċjeta' kienet biddlet isimha għal Water Sports Operations Limited (C 33602). (fol 861)

30. Rat illi fit-8 ta' Marzu 2018 il-partijiet għarrfu l-Qorti illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijet finali bil-miktub.

31. Rat is-sottomissjonijet tar-rikorrenti ippresżentati fit-3 ta' Awissu 2018. (fol 867)

32. Rat is-sottomissjonijet ta' Paul Ebejer personalment u tas-soċjeta' Water Sports Operations Limited ġia' Sun n' Fun Watersports Limited ippreżentati fil-22 ta' Ottubru 2018.

33. Rat is-sottomissjonjiet tas-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited nominee ippreżentati fil-31 ta' Ottubru 2018.

34. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ fil-21 ta' Ottubru 2019.

35. Rat illi, bil-permess tal-Qorti, l-intimat Paul Ebejer ippreżenta l-Proċess Verbal tal-'*Inkjesta dwar Inċident li seħħ f'Sun & Fun Water Sports f'San Ġiljan waqt li John Burns kien fuq saqqu magħruf bħala 'Crazy Squab' fejn weġġa' u kien fil-perikolu tal-mewt nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Lulju 2007*'. (fol 920)

36. Rat ir-relazzjoni tal-Espert Legali imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti u eżebit minn Luke Curmi fl-24 ta' Ottubru 2019. (fol 924)

37. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur ta' Luke Curmi illi saret fis-27 ta' Novembru 2019.

38. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2019 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

39. Rat illi minħabba l-egħluq tal-Qorti riżultat tal-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha qabel illum.

**Fatti tal-każ**

40. Jirriżulta illi ir-raġel tar-rikorrenti Christine Hannah Burns, ossija John Joseph Burns, huwa mastrudaxxa minn Londra, l-Ingilterra, ta' wieħed u sittin sena (61) illi fl-aħħar ta' Lulju 2007, ossija meta kien għad kellu tmienja u erbgħin sena (48), kien qiegħed Malta għal btala flimkien ma' martu u t-tifel tiegħu Martin, illi dak iż-żmien kellu sittax-il sena.

41. Jirriżulta illi huma kienu qegħdin ġewwa l-Corinthia Beach Resort Hotel, ġewwa l-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan.

42. Fil-25 ta' Lulju 2007, ġurnata illi lil John Joseph Burns biddlitlu ħajtu radikalment għal dejjem, it-tifel tiegħu ta' sittax-il sena tħajjar imur fuq vjaġġ qasir fuq il-baħar illi kien indikat bl-isem ta' 'Crazy Sofa Ride', u peress illi ma kienx opportun illi t-tifel tagħhom imur fuq dina r-ride waħdu, John Joseph Burns, għalkemm ma kienx għawwiem tajjeb, flimkien ma' ibnu, xtraw biljett mill-Hotel, minn fejn kienu mibjugħa l-biljetti għal tali 'ride', u għażel illi jakkompanja t-tifel fuq dina r-ride ta' ftit minuti, li kienet operata mis-soċjeta' Sun 'n' Fun Limited, illum Watersports Operations Limited.

43. Jirriżulta illi dina l-hekk imsejħa "Crazy Sofa Ride" kienet attwalment vjaġġ qasir fuq il-baħar fuq tubu tar-'rubber' minfuħ f'forma ta' sufan, illi għandu l-isem ta' 'Crazy Squab', li jiġi miġbud minn speedboat, f'dan il-każ speedboat ta' 19-il pied b'mutur ta' 85 horsepower, Reġistrazzjoni Nru S-8684 u operata minn Sun 'n' Fun Water Sports Limited[1] , liema sufan huwa disinjat b'mod illi jippermetti sa erbgħa persuni illi joqogħdu mimdudin ħdejn xulxin, b' "handle" ma' kull ġenb biex il-passiġġiera jżommu sod waqt illi jinġibdu bid-dgħajsa bi speed konsiderevoli li kienet deskritta minn Luke Curmi bħala li "*tikkonsisti f'numru ta' dawriet, nagħmlu 10 minutes b'dawn id-dawriet*"[2].

44. Jirriżulta illi dakinhar, id-dgħajsa ossija speedboat li kienet ser tiġbed is-sufan kienet qed tinstaq minn Luke Curmi, illi kellu f'idejh il-kontroll tad-dgħajsa, filwaqt illi kien akkompanjat minn Albert Camenzuli illi kien inkarigat iħares lura biex jara illi l-passiġġieri fuq is-sufan kien kollox sew.

45. Jirriżulta illi kemm it-tifel Martin kif ukoll il-missier, John, ingħataw 'Life Jackets' sabiex, f'każ illi jittajjru minn fuq is-sufan, huma jkunu jistgħu jibqgħu f'wiċċ l-ilma, partikolarment fil-każ ta' John Burns illi ma kienx għawwiem daqstant tajjeb, fatt illi kien intqal ukoll lil Luke Curmi.

46. Jirriżulta illi dakinħar il-baħar kien wieħed pjuttost aċċettabbli, bir-riħ indikat illi kien forza tlieta (gentle breeze) sa erbgħa (moderate breeze) mill-Majjistral (Northwesterly)[3]. Dana huwa konfermat kemm minn John Burns illi jiddeskrivieh bħala "*it was seafaring conditions*[4]" kif ukoll mit-tifel tiegħu Martin illi jgħid "*it was calm*[5]" u minn Luke Curmi illi jgħid "*il-baħar ma kienx imqalleb, kien Forza 4*[6]"

---

[1] Fol 422
[2] Fol 573
[3] Fol 393B
[4] Fol 756
[5] Fol 809
[6] Fol 576

47. Jirriżulta illi, wara illi John Burns u t-tifel tiegħu daħlu fuq is-sufan, Luke Curmi mar fuq d-dgħajsa flimkien ma' Albert Camenzuli u bdew il-vjaġġ 'il-barra mill-Ponta tad-Dragunara.

48. Jirriżulta illi, mument minnhom, meta kienu għadhom fil-bidu tar-"ride" u ma kienx għadu beda għaddej b'veloċita' kbira, kemm John Burns kif ukoll Martin Burns ittajjru minn fuq is-sufan u spiċċaw fil-baħar.

49. Jirriżulta illi John Burns jiddeskrivi li ġara kif ġej:[7]

> *Having moved at a constant pace, the inflatable Crazy Sofa then suddenly jerked and accelerated at the same time, I was thrown upwards, my legs went over my head and there was an impact as I hit something. I found myself in great pain and shock, floating with my face partially in the water; I was very scared, but immediately called out to locate my son, Martin.*

50. Jirriżulta illi t-tifel, Martin Paul Burns, jiddeskrivi li ġara hekk[8]:

> *The ride started slowly and the boat headed out to sea, there was lots of spray. All of a sudden the boat then accelerated, the Crazy Sofa lifted upwards and Dad and I were thrown up in the air, doing a backward somersault with our legs going over our heads. We landed in the sea. When I came to the surface my Dad was in the water a few metres on my left, he was floating and leaning into the water. I swam over to my Dad.*

51. Jirriżulta illi Luke Curmi, mill-banda l-oħra, dwar li ġara jgħid is-segwenti:

> *Qbiżna l-ponta tad-Dragonara, ħriġna around 100 metres, konna jiġifieri mitt metru 'l bogħod mill-ponta ta' Dragonara; jiġifieri konna għadna lanqas bdejna r-ride. L-observer għamilli sinjal biex innaqqas l-ispeed għaliex kien waqa' persuna; naqqast l-ispeed, dort. Jiġifieri dak il-ħin ċert li konna għaddejjin inqas minn 20 knot għaliex ir-ride ma kinetx għadha bdiet. Dawwart id-dgħajsa, għamiltha free u rajna lil Mr Burns fil-baħar. Jiġifieri jiena lil Mr Burns ma rajtux jaqa' għax jiena ovvjament kont inħares 'il quddiem.*

52. Jirriżulta illi l-unika persuna illi attwalment ra x'kien ġara dak il-ħin kien Albert Camenzuli. Il-Qorti, f'dana l-istadju ser tindika ż-żewġ verżjonijiet illi ta l-istess Camenzuli, kemm fl-Inkjesta Maġisterjali, kif ukoll quddiem dina l-Qorti.

53. Jirriżulta illi fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li nfetħet wara l-akkadut, Camenzuli qal hekk:[9]

---

[7] Fol 95
[8] Fol 118
[9] Fol 962

*Wara ftit minuti li żidna l-ispeed, jiena rajt lil missier jogħla minn fuq il-crazy sofa madwar pied u nofs, li għalina hija xi ħaġa normali, waqa' bil-qiegħda lura fuq patattu, iġġenneb u waqa' ġo l-ilma,*

*It-tifel tiegħu ma waqax minn fuq il-crazy sofa, pero' kif waqa' l-missier is-sufan żbilanċja ruħu u b'hekk waqa' t-tifel ukoll.*

54. Jirriżulta illi quddiem il-Qorti, għaxar snin wara l-akkadut, l-istess xhud ta verżjoni kemmxejn aktar dettaljata ta' dak illi attwalment ġara, u dana meta qal is-segwenti:[10]

*Niftakar li ħriġna filgħodu pero' ma niftakarx fi x'ħin għax issa għadda ħafna żmien. Aħna konna lħaqna biss ħriġna madwar ħames minuti 'l-bogħod mill-bajja. Lanqas biss konna. għadna ħriġna minnha li ġara l-inċident. Li niftakar li kienet ġiet mewġa kbira ta' dgħajsa għalkemm ma kinetx esaġerata. Id-dgħajsa li konna fiha aħna telgħat u niżlet mal-mewġa. Niftakar peress illi jiena kont qed inħares lejn il-klijent bħala observer għola madwar tletin ċentimetru, waqa' bilqiegħda fuq id-dgħajsa b'għonqu lura, waqa' fuq il-crazy sofa fejn kien bilqiegħda, rrombla minn fuqha u ġie ġo l-ilma. Fil-fatt it-tifel li kien bilqiegħda ħdejh ma waqax. It-tifel kien it-tifel ta' John Burns.*

55. Jirriżulta illi wara l-inċident, John Burns ittieħed l-Isptar fejn sarulu xi operazzjonijiet u wara ittieħed l-Isptar l-Ingilterra bl-ajruplan speċjali, iżda riżultat ta' dana l-inċident qasam dahru u spiċċa totalment paralizzat.

56. Jirriżulta illi skond il-konsulent Ingliż Dr Jan Gawronski, 'Consultant in Rehabilitation Medicine at the Spinal Cord Injury Centre', id-diżabbilta' ta' John Joseph Burns ġiet deskritta kif ġejja:[11]

*Mr Burns has a permanent (100%) complete tetraplegia with profound physical disability as a consequence of an accident in July 2007. There were post injury complications of recurrent asystolic cardiac arrest x 6, requiring a Permanent Pacemaker, and recurrent Autonomic Dysreflexia.*

*Mr Burns has lost all (100%) normal voluntary motor and sensory function below the neck and has complete loss (100%) of normal control of certain bodily functions such as bowel and bladder control.*

*Mr Burns was an inpatient here at RNOH Stanmore for multidisciplinary rehabilitation in 2007 and early 2008 and is under long term follow up through this Hospital. Mr Burns will require lifelong access to rehabilitation services including physiotherapy to maintain his skin condition, bone density and range of passive mobility.*

[10] Fol 668
[11] Fol 70

57. Jirriżulta illi l-Kirurgu espert Mr Frederick Zammit Maempel, illi kkura lill-istess John Burns meta daħal l-Isptar San Luqa, kellu dan xi jgħid lill-Qorti dwar ir-riżultat tal-akkadut:[12]

*Meta eżaminajtu sibt li dan kien żloga għonqu bejn ir-raba' u l-ħames rukkell. B'riżultat ta' din il-waqa' spiċċa tetrapleġiku, jiġifieri kiser is-sinsla ta' dahru. Nippreċiża, l-għadam żlugah pero' fl-istess għadam hemm kanal u hemmhekk minnu jgħaddu n-nervituri li għamel ħsara enormi fihom u spiċċa mar minn saqajħh u minn idejh. Għalhekk fit-trattament illi ngħata l-ewwel ippruvajna niġbduh permezz ta' għodod għal ta' l-apposta. Wasalna sa xi sittax jew tmintax-il kilo iżda dawn ma setgħux jinqalgħu.*

*Għalhekk filgħaxija stess operajt fuqu, poġġejna l-irkiekel numri 4 u 5 f' posthom u irbatthom bil-wires. Riżultat ta' dan stajna ninnersjaw lil John Burns f'pożizzjoni bilqiegħda. Iċ-ċans li jirkupra n-nervituri qatt ma kien tajjeb u l-analiżi tiegħi fir-rigward hu illi għadu tetrapleġiku. Meta xi ħadd jaqta' l-ispinal cord dan mhux riversibbli pero' illum il-ġurnata saru esperimenti fuq stem cells u jista' eventwalment isir xi tip ta' progress.*

***Fl-opinjoni tiegħi Burns għandu diżabilita' ta' 100%.***

## Responsabbilta' tal-akkadut

58. Jirriżulta illi l-intimati kollha eċċepew illi huma ma kinux responsabbli tal-inċident u saħqu lkoll illi kien inċident sfortunat u inevitabbli.

59. Jirriżulta illi l-intimati Paul Ebejer, f'ismu proprju u f'isem is-soċjeta' Sun 'n' Fun Limited, kif ukoll Luke Curmi ċertament ibbażaw u saħħew tali difiża invista tal-eżitu favorevoli għat-teżi tagħhom tal-konklużjoni tal-Inkjesta Maġisterjali illi qalet hekk:

*Illi fil-fehma tal-espert legali ma kien hemm xejn li jindika li l-ħruġ bl-ispeedboat w il-crazy sofa dakinhar li seħħ l-inċident ma kienx konsiljat jew li x-xufier tal-istess speedboat Luke Curmi ikkontribwixxa b'xi mod għal dan l-inċident u għalhekk Luke Curmi ma jidhirx li għandu iwieġeb għal ebda responsabbilita' kriminali f'dan il-każ, stante li għal dan l-inċident sfortunat, ma kellu xejn x'jaħti.*

*Peress li mill-provi prodotti ma jirriżultax li kien hemm xi terza persuna li kkontribwiet għal dan l-inċident sfortunat, u għalhekk ma ġie kommess ebda reat kriminali, il-Maġistrat Inkwerenti ser tieqaf hawn bl-investigazzjoni tagħha.*

[12] Fol 529

60. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għas-sentenza **Stephen Galli vs Nathalie Barbara et** deċiża 16 ta' Diċembru, 2019, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Il-Qorti tirrileva wkoll li fil-kamp ċivili kolpa tfisser nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' bonus paterfamilias, kif imfissra fl-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Irid jintqal ukoll li l-grad ta' prova fi proċeduri ċivili huwa differenti mill-grad ta' prova fil-kamp kriminali, u filwaqt li l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali jistgħu jitqiesu bħala prova fil-proċeduri odjerni, madanakollu l-indaġini li trid tagħmel din il-Qorti hija għal kollox indipendenti minn kull indaġini oħra li saret minn xi Qorti oħra dwar il-fatti ta' dan il-każ.*
>
> *Hawnhekk ikun pertinenti li l-Qorti tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet Mary Ann Borg noe vs. Korporazzjoni Enemalta et, fejn għamlet dawn l-osservazzjonijiet:*
>
> *"Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li huma indipendenti minn xulxin, u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex konklussivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili. Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru tal-prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali."*

61. Jirriżulta, għalhekk, l-azzjoni odjerna trid tiġi deċiża abbażi tal-provi kif prodotti quddiem dina l-Qorti u mhux abbażi ta' provi u konklużjonijet milħuqa fi proċeduri kriminali.

62. Dana qiegħed jingħad, għax jirriżulta ċar illi l-fatti, kif prodotti quddiem dina l-Qorti, għalkemm ħadu għaxar snin biex joħorġu, juru illi attwalment, a differenza ta' dak allegat mill-intimati, kien hemm attwalment responsabbilta' għall-inċident, u tali responsabbilta' hija attribwibbli prinċipalment lil Luke Curmi.

63. Il-Qorti, di fatti, qiegħda tagħmel tali osservazzjonijiet li wassluha tasal għal tali konklużjoni:

   a. Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-baħar, għalkemm seta' kien ftit imċafċaf b'riħ ta' Forza 4 ġej mid-direzzjoni tal-Majjistral, jiġifieri dieħel faċċata tal-Hotel Corinthia Marina minn fejn kien jopera l-operatur Sun 'n' Fun Limited, kien baħar illi jippermetti illi r-"ride" issir mingħajr perikolu.

   b. Huwa fatt mhux ikkontestat ukoll illi, mument minnhom, meta ir-'ride' kienet għadha ma bdietx bil-veloċita' mistennija ta' "*sa 25 knots*", kif

qal Luke Curmi, kemm John Burns u ibnu Martin Burns inqatgħu ‘l fuq mill-‘Crazy Squab’ għoli ta’ madwar pied u nofs u dana wassal sabiex jinqaleb għal ġewwa l-baħar John Burns, u dana kif jikkonfermah Albert Camenzuli illi ra kollox.

c. Hija konklużjoni naturali, għalhekk, illi wieħed jistaqsi kif seta’ jkun illi, jekk il-baħar kien relattivament kalm, u r-rikba kienet għadha ma bdietx, John u Martin Burns jittajru għoli ta’ aktar minn tletin ċentimetru fl-arja u jaqgħu fil-baħar mingħajr ebda raġuni partikolari.

d. Ir-risposta għal tali kweżit, madanakollu, ma jidhirx illi kien a disposizzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti meta hija wasslet għall-konklużjonijiet tagħha. Dan qiegħed jingħad għax jirriżulta illi l-verżjoni illi ta Albert Camenzuli ftit wara l-inċident ma kinetx daqstant dettaljata daqs kemm kienet dik illi huwa ta lill-Qorti għaxar snin wara.

e. Jirriżulta, di fatti, illi r-risposta u r-raġuni tal-akkadut joħroġ ċar mix-xhieda illi Albert Camenzuli ta quddiem il-Qorti, meta huwa qal is-segwenti:

> ***Li niftakar li kienet ġiet mewġa kbira ta’ dgħajsa għalkemm ma kinetx esaġerata****. Id-dgħajsa li konna fiha aħna telgħat u niżlet mal-mewġa. Niftakar peress illi jiena kont qed inħares lejn il-klijent bħala observer għola madwar tletin ċentimetru, waqa’ bilqiegħda fuq id-dgħajsa b'għonqu lura, waqa’ fuq il-crazy sofa fejn kien bilqiegħda, rrombla minn fuqha u ġie ġo l-ilma*

f. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-‘Crazy Squab’ illi fiha kienu John u Martin Burns beżqithom’l fuq aktar minn pied mhux riżultat ta’ xi każ fortuitu li fuqu Luke Curmi, illi kien qed isuq id-dgħajsa, ma kellu ebda kontroll, iżda riżultat tal-fatt illi huwa attwalment baqa’ jsuq id-dgħajsa ġewwa tali mewġa kbira kkawżata minn terzi, u bir-riżultat kaxkar s-sufan li fuqu kien hemm John u Martin Burns warajh u dawna li spiċċaw inqabdu fil-mewġa kbira li kien hemm u ttajru ‘l fuq riżultat tal-moviment qawwi illi għamlet l-Crazy Squad mal-impatt mal-mewġa l-kbira.

g. Jirriżulta illi tali konklużjoni hija wkoll kompatibbli mad-deskrizzjoni mogħtija minn John u Martin Burns, fejn John Burns jgħid illi:

> *Having moved at a constant pace, the inflatable Crazy Sofa then suddenly jerked and accelerated at the same time.*

filwaqt illi Martin Burns jgħid:

> *All of a sudden the boat then accelerated, the Crazy Sofa lifted upwards and Dad and I were thrown up in the air, doing a backward somersault with our legs going over our heads.*

h. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak argumentat minn Luke Curmi huwa responsabbli għall-inċident li bih spiċċa paralizzat għal għomru John Burns, u dana riżultat ta' sewqan traskurat u bla kont ta' Luke Curmi,.

64. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak illi intqal fil-kawża Anthony Ventura noe vs John Vella deċiża fit-13 ta' Ottubru 2004, fejn il-Qorti qalet dan li ġej:

*Kif magħruf, hi norma tal-liġi stabbilita bl-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Din in-norma ċertament tikkostitwixxi l-kardini tar-responsabbilita` extra-kontrattwali jew akwiljana u tenunċja l-prinċipju in virtu ta' liema l-leżjoni kaġjonata tobbliga lill-awtur tagħha biex jirriżarċixxi d-danni; Huwa, imbagħad, paċifiku wkoll illi, fl-assenza ta' definizzjoni tal-"kolpa" fil-Kodiċi Ċivili, din neċessarjament tirriferixxi għal dak l-event li jseħħ b' kawża ta' nuqqas ta' diliġenza, imprudenza, u nuqqas tal-ħsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032(1), Kodiċi Ċivili]. "Hu pero`, imprexxindibilment, meħtieġ, biex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża". (Kollez. Vol. XLIV P I p 343); Opportunement, għandu qabel xejn jiġi mfakkar illi biex ikun hemm lok għar-responsabbilita` tad-danni hemm bżonn li min jitlobhom jipprova l-att jew l-ommissjoni kolpuża. Fi kliem is-sentenza a Vol. XXIV P I p 893 min jallega li sofra dannu bi ħtija ta' xi ħadd "e` nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insito la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo perche la colpa deve assumere una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danni". Dan anke għaliex hi wkoll liġi espressa li kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu (Artikolu 1030, Kodiċi Ċivili);'*

65. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal kawża Biagio Muscat vs Anthony Falzon et deċiża fit-12 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*Hi norma kostitwenti l-punt kardinali tar-responsabbilita` extra-kontrattwali jew akwiljana, kif inhu dan il-każ, illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara illi tiġri bi ħtija tiegħu" (Art 1031 tal-Kap 16). Norma din li tenunċja l-prinċipju in virtu` ta' liema l-leżjoni tad-dritt tobbliga lill-awtur ta' l-istess leżjoni għar-riżarċiment tal-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terzi. Hu kompitu tal-Qorti li mill-indaġini u eżami tal-provi akkwiżiti tindividwalizza din ir-responsabbilita`. Responsabbilita` li kapaċi tiġi determinata jew minn komportament kolpuż jew minn dawk il-kriterji l-oħra li jridu jiġu meqjusa għall-iskop li wieħed jasal biex jakkolla l-inċidenza ekonomika tal-fatt dannuż. Il-Kodiċi tagħna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreċiża li "jitqies fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, d-*

*diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodiċi Ċivili). Dan raġjonevolment ifisser illi wieħed jeħtieġ jikkollega l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza mar-rekwiżit tal-prevedibbilita` ta' levent dannuż. "Prevedibbilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (Kollez Vol XLVIII pI p258). Jidher li l-konvenut kien bniedem ta' esperjenza f'dak ix-xogħol u allura kellu jassigura li l-operat tiegħu jsir sew, utilment u b'mod li jiskansa kull dannu għalih, għall-kommittent li nkarigah u għat-terzi. Jekk dan ma għamlux il-konsegwenza loġika tkun li hu jbati r-riżultat ta' egħmilu u jirrispondi għad-danni li jseħħu. Ġie, a propożitu, ritenut illi "l-kolpa, fil-każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dak il-fatt, meta seta' jipprevedi dak l-effett ... .... Meta l-att li kkaġuna d-danni kien jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, ir-responsabbilita` ta' min jagħmel dak l-att hija assoluta ... .... Mhiex difiża tajba kontra din ir-responsabbilita` l-allegazzjoni illi min għamel l-att li ġieb d-danni kien ilu jagħmlu żmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li għalhekk min għamel dak l-att ma setgħax jissupponi, li fil-każ partikolari kien ser jinqala' dak li nqala" - "Annunziato D'Amato et –vs- Joseph Camilleri et", Appell Ċivili, 3 ta' Marzu 1958 a Vol XLII pI p74.'*

66. Huwa ċar, għad-differenza ta' dak illi l-intimati qed jinsistu, illi meta Luke Curmi għażel illi jsuq id-dgħajsa b'xi veloċità relattiva għal ġo mewġa kbira, huwa kellu jifhem u japprezza illi l-kobor ta' tali mewġa kienet ser ikollha riperkussjonijiet fuq is-sufan illi kien qiegħed jiġbed warajh u, għalhekk, id-deċiżjoni tiegħu illi jibqa' dieħel ġo tali mewġa turi illi ma użax il-prudenza, d-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja rikjest mill-liġi – għalhekk Luke Curmi huwa responsabbli għall-inċident illi wassal lil John Burns jittajjar u eventwalment jikser l-ispina ta' dahru b'mod irreversibbli.

67. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' Sun 'n' Fun Limited, sussegwentement imsejjħa Water Sports Operations Limited hija wkoll responsabbli għall-inċident, stante illi Luke Curmi kien impjegat tagħha u minn naħa tagħha hija kienet qiegħda topera l-attivita' imsejjħa 'Crazy Boat Ride'

68. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Paul Ebejer, fil-kwalita' personali tiegħu, ma jistax jinżamm responsabbli tal-akkadut, stante illi huwa personalment ma kienx presenti la qabel ma beda r-ride u wisq anqas meta kien qed iseħħ ir-ride, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Difiżi oħra**

69. Jirriżulta illi Luke Curmi eċċepixxa wkoll illi l-meritu tal-kawża odjerna huwa preskritt bit-terminu ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 12.

70. Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrenti ippreżentaw Ittra Uffiċjali fis-17 ta' Lulju 2009 u għalhekk, la darba dina ġiet ippreżentata entro sentejn wara l-

akkadut illi seħħ fil-25 ta' Lulju 2007, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma minn Luke Curmi ma treġġix.

71. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company, apparti l-eċċezzjoni tar-responsabbilta' fuq ġia' deliberata, qajjmet ukoll żewġ difiżi preliminari, ossija dik illi għandha tiġi liberata mill-osservaza tal-ġudizzju stante illi ma għandha ebda relazzjoni legali mar-rikorrenti u dik illi hija ma tistax tiġi kkundannata tħallas aktar mil-limit of indemnity tal-polza minnha maħruġa.

72. Jirriżulta, mill-provi prodotti illi s-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company ħarġet Polza ta' Assikurazzjoni Nru 17799 447 001 u li magħha kien hemm Endorsement Numru PL5815/16 effettiv mill-1 ta' Marzu 2007 illi jipprovdi s-segwenti:[13]

> *Notwithstanding anything contained to the contrary, this policy is extended to indemnify the insured which for the purpose of this extension is deemed to include Marine Services Ltd and / or Sun'n' Fun Watersports (being the Concessionaires) against legal liability to pay for third party bodily injury or property damage arising from the ownership, possession or use of the water-sports equipment detailed below when used for the water-sports activities of the Insured anywhere in the Maltese Islands but only in connection with the operations at:*
>
> *4. Corinthia Marina Hotel – St Julians*

73. Jirriżulta illi fost id-dgħajjes indikati fl-endorsement kien hemm id-dgħajsa ossija speedboat S8464 illi kienet involuta fl-inċident meritu tal-kawża odjerna, u kienet koperta għal "*watersports being (a) sausage rides, (b) wakeboard rides, (c) waterskiing, (d) transfer of persons ... etc*".

74. Jirriżulta, għalhekk, illi d-dgħajsa S-8464, fil-mument tal-inċident, kienet koperta minn Polza tal-Assikurazzjoni maħruġa minn Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company.

75. Jirriżulta illi kif ingħad fil-kawża **Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Robert Azzopardi** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Jannar, 2004 :

> *"Tajjeb li jiġi osservat illi kif drabi oħra ntqal mhux eskluż fit-teorija li s-sitwazzjoni konċepita mis-soċjeta` appellanti tista' tinħoloq fejn id-danneġġjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaġuna l-ħsara jidħlu f'relazzjoni diretta bejniethom, li bħala riżultat tagħha, s-soċjeta` assikurattriċi tassumi pjenament ir-responsabbilita` għall-ħlas tad-danni, u dana bl-aċċettazzjoni da parte tad-danneġġjat li jeħles lil min ikkaġunalu l-ħsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jeħtieġ li jkun espliċitu, ċar u univoku u magħmul fil-forma li teżiġi l-liġi. Ftehim li jrid isir in osservanza tal-provvedimenti tal-Kap.104. Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet 'Joseph Mallia vs Joseph Falzon*

[13] Fol 127

> *et' Appell Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996 …… ... meta l-kumpanija assikuratriċi tirċievi l-claim mit-third party, tipproċessah, u tistabbilixxi l-ammont tal-indennizz allura bejn il-kumpanija assikuratriċi u t-third party jinħoloq rapport ġdid, dak ċioe`, li l-kumpanija jekk ikun il-każ, tħallas it-third party in bażi għal polza tas-sigurta`.... "*

76. Jirriżulta illi s-soċjeta' kjamata in kawża, kif minnha dikjarat permezz ta' rikors datat 5 ta' Frar 2010, "*ġiet notifikata b'att ġudizzjarju mibgħut mill-atturi ai termini ta' l-Artikolu 10(2)(a) tal-Kap 104*"[14]

77. Jirriżulta, finalment, illi s-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited ġiet kjamata in kawża mill-assikurat tagħha stess, ossija Sun 'n' Fun Water Sports Limited, li magħha ċertament s-soċjeta' assikuratriċi kellha relazzjoni ġuridika.

78. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba sabiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma hijiex il-leġittimu kontradittur hija waħda illi ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.

79. Jirriżulta, madanakollu, illi s-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company, fil-polza tal-Assikurazzjoni fuq indikata, għandha "*limitation of liability*", għalkemm mhux indikata ċarament fid-dokumentazzjoni ppreżentati quddiem dina l-Qorti u lanqas ma saret referenza għaliha fis-sottomissjonijiet tagħha wkoll.

80. Jirriżulta għalhekk, illi kwalsiasi ammont illi ser jiġi lilha kkundannat tħallas għandu jkun soġġett għal-limitazzjoni tal-polza tal-assikurazzjoni, b'dan illi jkollha unikament dritt ta' rivalza kontra l-intimati l-oħra illi jinstabu responsabbli f'każ illi l-ammont likwidat jeċċedi l-ammont massimu li hija obbligata tħallas a tenur tal-Polza tal-Assikurazzjoni tagħha.

## Danni

81. Il-Qorti tosserva illi l-leġislazzjoni u ġurisprudenza nostrana tipprovdi illi d-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (damnum emergens) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

82. Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello** deċiż fil-25 ta' Frar 2016 hemm rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin:

> *Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija "**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**" – A.C. deċ. fit-22 ta' Diċembru 1967, li tat l-oriġini għal hekk imsejħa multiplier system, li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar reċenti peress li, kif intqal fil-kawża "**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***

[14] Fol 24

***et**" – A.C. deċ. fis-16 ta' Novembru 1983, "iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu." Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – "**Savona vs Asphar**" App. Deċiż fit-23 ta' Ġunju 1952; u li "għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":-13.5.2003); u li "dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabbilta`. Inoltre` d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – "**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**" – Appell deċiż fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-każ "**Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deċiża fis-27 ta' April 2015, intqal:*

> *Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja.*

### ***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

> *A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases. -*

> *(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).*

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) ġie ribadit li:*

> *In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c'chances and changes of life'.*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

> *In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income. - (The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet* **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

> *The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact*

> *that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death… - (Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).*

***Tnaqqis minħabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. (JSP) deċiża fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

> *Fir-rigward għal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal 'lump sum payment' jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data.*

*Aktar reċentement, il-Qorti tal-Appell, fil-każ "**Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri**" deċiża fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

> *Għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi ntavolata l-kawża relattiva u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv.*

*Skont kriterju li ġie eluċidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ "**Jos Agius vs All Services Ltd.**" (P.A. TM 1809/01 deċiża fit-2 ta' Ġunju '05) "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni pero`, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.*

*Iżda, ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan għaliex "jekk id-danneġjat ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela**" P.A. deċiża fil-25 ta' Novembru 2013 u "**Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd.**" P.A. deċiża fit-12 ta' Novembru 2012).*

*Dwar l-istess tematika u l-problemi li jiġu riskontrati mill-istess ingħad ukoll f'żewġ deċiżjonijiet msemmija mill-attriċi l-ewwel*

*waħda fl-ismijiet* ***Carmena Fenech et. vs Ic-Chairman tal-Malta Drydocks et****.:-*

> *Jibda biex jiġi rilevat qabel kull konsiderazzjoni tal-komputazzjoni li trid issir illi mill-eżami tad-deċiżjonijiet kopjużi fuq is-suġġett huwa sew distingwibbli illi l-metodu tal-valutazzjoni tad-danni matul is-snin ikkostitwiet, bla dubju, il-problema l-aktar spinuża, tant li, storikament, ma jonqsux ċerti kawteli mill-Qrati in meritu għal likwidazzjoni. Huwa wkoll rikonoxxut minn din l-istess ġurisprudenza illi ebda metodu ta' kalkolu ma hu perfett tant li mal-firxa taż-żminijiet ġew adottati diversi kriterji li mhux dejjem taw riżultat univoku jew ġustifikabbli. Jibqa' l-fatt illi skond l-iżviluppi li seħħew fis-snin disgħin il-metodu li jidher ormaj l-aktar diffus hu dak tal-komputazzjoni tat-telf a bazi tal-working years expectancy. Anke hawn, pero`, ma tonqos il-vuċi li sostniet li l-kriterju bażat fuq il-mera differenza bejn l-eta` tal-vittma u l-eta` pensjonabbli "hu għal kollox riskjuż u alejatorju, sempliċiment għaliex wieħed ma jistax jivviżwalizza l-futur, u c-chances and changes tal-ħajja huma tant varji li hu diffiċli ferm li wieħed jistabilixxi kriterji oġġettivi li fuqhom kull każ jista' jiġi modellat" ("Lawrence Caruana vs Anthony Falzon", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001). Hekk, ad eżempju, kif ukoll hu rikonoxxut f'bosta sentenzi, wieħed jista' jipprospetta qagħda fejn, minħabba in-natura tax-xogħol ta' ċertu strapazz, id-danneġġjat jew id-decujus kien jirtira qabel l-eta` tal-pensjoni. Minn naħa l-oħra wieħed jista' jargumenta wkoll illi ġialadarba fiż-żminijiet reċenti l-eta` ta' l-irtirar mix-xogħol qiegħda tiżdied (minn 61 sena kif kienet sa ftit snin ilu għal waħda ta' 65 sena), l-adozzjoni tal-multiplier għandha tieħu għarfien ta' dan l-iżvilupp ġdid. Ara f'sens konformi l-veduta tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Lulju, 2007 in re: "Francesco Sultana et vs Frances Xavier Grech et;*

*Fil-konsiderazzjoni tal-premess u dik tal-konoxxenza li l-perjodu tal-multiplier suppost li jibda jgħaddi mid-data ta' l-inċident (ara "Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon", Appell Ċivili, 14 ta' Mejju, 1984)*

83. Jirriżulta illi r-rikorrenti, fit-talba tagħhom, indikat illi huma intitolati kemm għal 'Damnun Emergens', kif ukoll għal 'Lucrum Cessans'.

**Damnun Emergens**

84. Jirriżulta illi, għal dak li jirrigwarda 'Damnun Emerges', John Burns, fl-affidavit tiegħu, kfi ukoll f'nota jelenka lista ta' spejjez illi huwa inkorra

riżultat tal-inċident illi ħallieh totalment paralizzat, u fis-sottomissjonijet tiegħu, l-abbli difensur tar-rikorrent jelenkahom kif ġej:[15]

*Abortive Holiday Costs £1307 (€1955) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007 . Ir-rata qed tiġi annessa.*

*Spejjeż biex ġew uliedu jassistuh £232 (€347.05) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

*Spejjeż biex il-mara tiġi Malta tiftaħ il-kawża £282 (€421.84) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

*Spejjeż biex martu tmur mid-dar għall-isptar £3,000 (€4487.70) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

*Hemm diversi spejjeż oħra li huma elenkati f'Dok. A5 ippreżentat qabel id-differiment ta' Marzu 2017, fejn l-ispejjeż jammontaw għal €28009 (€41,898.66) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

*L-ispejjeż hawn fuq imniżżla jammontaw għal €49,108.25.*

85. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi illi l-ispejjeż diversi elenkati fid-dokument A5[16] li jammontaw għal €28,009 huma spejjeż mhux ċertifikati b'dokumentazzjoni u ma nġbietex prova illi huma spejjeż direttament u effettivament relatati ma' l-inċident.

86. Jirriżulta mill-fatti tal-każ, illi il-paralażi kompleta u totali ta' John Burns, fejn għal żmien konsiderevoli kien ġewwa Sptar u eventwalment ġo ċentru Reabilitattiv wasslet ċertament għal skariġġ żejjed lill-membri tal-familja tiegħu kif ukoll spejjeż ulterjuri illi kellhom jiġu inkorsi sabiex jieħdu ħsieb lil John Burns.

87. Jirriżulta illi, minn eżami akkurat tal-kalkoli magħmula mir-rikorrenti fid-dokument A5, il-Qorti hija sodisfatta illi huma spejjeż raġjonevoli għaċ-ċirkostanzi illi l-inkapaċita' totali ta' John Burns ikkawżat, u għalhekk qiegħda tikkunsidrahom bħala aċċettabbli.

88. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti tikkontendi illi bħala '*damnum emergens*' huwa prospettat illi għall-ispejjeż futuri, fuq medda ta' għoxrin sena, soġġett għal żieda ta' tnejn fil-mija kull sena, ser ikun hemm spejjeż oħra ta' €83,510.25 illi tikkontendi illi għandhom jitħallsu.

89. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi ma tistax tipprovdi għal spejjeż futuri fuq mera supposizzjonijiet u asserzjonijiet li John Burns għad fadallu għoxrin sena oħra ta' ħajja. Il-Qorti trid timxi, kemm jista' jkun, fuq fatti ċerti u ppruvati u għandu jkun limitat l-użu ta' konklużjonijet fuq viżjonijiet tal-futur, anke in

[15] Fol 875
[16] Fol 625

linea mal-insenjamenti fuq msemmija – għalhekk tali talba addizzjonali ma tistax tiġi kkunsidrata.

90. Jirriżulta, għalhekk, illi d-damnum emergens għandu jkun ta' **disgħa u erbgħin elf, mija u tmenin Euro (€49,108)**.

### Lucrum Cessans

91. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi John Burns kien jaħdem bħala mastrudaxxa.

92. Jirriżulta illi fis-sena ta' qabel l-inċident, ossija fis-sena 2006, huwa rreġistra qliegħ qabel it-taxxa ta' wieħed u tletin elf, tmien mija u disgħin Liri Sterlini (GBP 31,890) ossija sebgħa u erbgħin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro (€47,704) bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossija 1 GBP – 1.4959 Euro[17].

93. Jirriżulta illi għas-sena 2007, ossija is-sena meta ġara l-inċident, John Burns fl-affidavit tiegħu qal is-segwenti:[18]

> *I enclose (Appendix A) my tax assessment for 2007/8 (this is the year of my injury and is for a 15 week period only) I worked 50 weeks of each year and this equates to Stg 32,860 per annum sterling.*
>
> *I enclose (Appendix B) my tax assessment for the prior year 2006/7, to support this level of income.*

94. Jirriżulta illi fil-prospett tal-qliegħ redatt mir-rikorrenti għas-snin 2005 sa 2007, huwa indikat illi l-qliegħ kalkolat huwa ta' erbgħa u tletin elf, mija u sebgħa u tmenin Euro (Stg 34,187)[19] ossija wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin Euro (€51,140) bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossija 1 GBP – 1.4963 Euro.

95. Il-Qorti tosserva illi mis-sena 2007 sa llum, f'każ kieku John Burns baqa' jaħdem regolarment, ċertament il-qliegħ kien ikun aktar minn dak tas-sena 2007, u ġeneralment, il-Qrati tagħha jipprovdu għal tali differenza billi tipprovdi għal żieda annwali.

96. Fil-każ odjern, tenut kont tal-fatt illi l-ammont indikat bħala qliegħ tas-sena 2007 jidher illi kien aktar minn dak indikat mill-istess John Burns fl-affidavit tiegħu, il-Qorti predisposta illi taċċetta tali valur ta' erbgħa u tletin elf, mija u sebgħa u tmenin Sterlina (Stg 34,187) bħala il-qliegħ annwali purche jinkludi wkoll kwalsiasi żidiet illi jistgħu jitqiesu minn żmien għal żmien.

97. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkunsidra d-dħul ta' John Joseph Burns fis-sena 2007, ossija is-sena ta' l-inċident, fl-ammont ta' **wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin Euro (€51,140)** bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossija 1 GBP – 1.4963 Euro.

---

[17] Fol 60
[18] Fol 97-98
[19] Fol 53

98. Dwar kunsidrazzjonijet fuq l-għoli tal-ħajja, il-Qorti tagħmel referenza għal dak fuq ġia' surriferit, u għalhekk ma hijex ser tipprovdi ulterjorment.

- **Multiplier**

99. Il-Qorti, b'żieda mal-insenjamenti fuq ġia' kwotati, jidhrilha opportun illi tagħmel referenza għas-sentenza **Atef Zarouk vs C&F Building Contractors et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar 2019, fejn intqal hekk:

> *Jirriżulta li l-attur kellu 29 sena meta ġara l-inċident, u għalhekk kellu "working life expectancy" ta' ċirka sitta u tletin (36) sena. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tħossx li għandha tapplika multiplier anqas minn dan l-ammont ta' żmien, konsiderando li l-eta' ta' l-irtirar illum żdiedet għal ħamsa u sittin sena u anke għaliex ma nġabu ebda provi għaliex dan għandu jkun anqas.*

100. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, John Joseph Burns kellu tmienja u erbgħin (48) sena meta ġara l-inċident illi ħallietu mija fil-mija disabbli (100%), u, kif jidher mid-dokument eżebit mir-rikorrent stess u maħruġ mill-Gvern Ingliż[20], huwa kien mistenni illi jibqa' jaħdem bi qliegħ sa' meta jagħlaq sitta u sittin sena (66), ossija tmintax-il (18) sena b'kollox.

101. Jirriżulta, għalhekk, illi l-multiplier għandu jkun ta' **tmintax-il sena (18).**

- **Diżabbilta'**

102. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, għandna persuna illi għadha ħajja iżda hija totalment dipendenti minn terzi u minn kura kontinwa, peress illi huwa paralizzat minn għonqu 'l isfel u jeħtieġ għajnuna kontinwa.

103. Jirriżulta illi ġie ampjament stabbilit illi John Burns għandu "*a permanent (100%) complete tetraplegia with profound physical disability*", kif dikjarat mill-konsulent Ingliż Dr Jan Gawronski u, fi kliem l-konsulent espert Malti Mr Frederick Zammit Maempel "*fl-opinjoni tiegħi Burs għandu diżabilita' ta' 100%*".

104. Għalhekk, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi d-diżabbilta' ta' John Burns hija ta' **100%.**

- **Kalkolu Finali**

[20] Fol 601

105. Ikkunsidrat dawk il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta is-segwenti:

a. L-introitu ta' John Joseph Burns kien jammonta għal madwar **wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin Euro (€51,140)** fis-sena 2007 bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossija 1 GBP – 1.4963 Euro.
b. Il-livell ta' diżabbilta' huwa 100%.
c. Il-mutliplier għandu jkun ta' tmintax-il (18) sena.

106. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun kkunsidrat għall-*lucrum cessans* għandu jkun maħdum fuq l-introjtu fis-sena 2007, ossija €51,140 u dana għal 18-il sena sakemm jilħaq l-eta' pensjonabbli.

107. Jirriżulta illi l-ammont li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk ta' **disgħa mija u għoxrin elf, ħames mija u għoxrin Euro (€920,520)**[21]

- **Tnaqqis**

108. Jirriżulta illi, apparti t-tagħlim ġia' fuq kwotat, il-Qorti tagħmel referenza għal deċiżjoni reċenti, ossija **Grace Falzon vs Tlata Limited**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2019, il-Qorti, fejn il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar tnaqqis:

> *F'kawżi fejn si tratta minn talba għal-likwidazzjoni tad-danni minħabba f'mewt, il-Qrati tagħna spiss iqisu l-fattur tal-grad ta' dipendenza li l-atturi fil-kawża jkollhom fir-relazzjoni tagħhom mal-vittma tal-inċident, b'mod li tinħoloq differenza bejn sitwazzjoni fejn il-persuna li titlef ħajjitha tkun il-kap ta' familja, li minnu jkun jiddependi l-għajxien tal-familja tiegħu, u sitwazzjoni fejn min jitlef ħajtu b'mod traġiku jkun wild jew xi membru ieħor tal-familja.*
>
> *F'dan il-każ, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet Turner et vs Agius et fejn intqal:*
>
> > *"Għall-finijiet tal-prinċipju tad-dependency hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni oħra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qiegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalità tal-ħajja l-probabbilità tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha.*
>
> *L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb magħruf tagħhom, 'The Quantum of Damages', jgħidu:*

[21] €51,140 x 18 x 100% = €920,520

> *"Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller."*

> ...

> *L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-konsum personali. Ir-realtà tal-ħajja hija li wieħed jonfoq il-maġġior parti tad-dħul tiegħu. Ta' min joħroġ id-distinzjoni bejn il-mewt (ekwiparata għal diżabilità totali) u d-diżabilità ta' 100% (eż – min jiġi ridott għal ħajja f'wheelchair b'telf assolut tal-fakoltà mentali). Fil-liġi, il-kwantifikazzjoni tad-danni m'għandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid tħares lejn dak li jitlef min jiġi 'l quddiem u javvanza pretensjoni."*

109. Issir ukoll referenza għall-każ **Jos Agius vs All Services Ltd**, dwar tnaqqis minħabba l-fatt li l-ammont ta' danni ser jitħallas f'darba, fejn intqal hekk:

> *"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għal fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konsewetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

110. Il-Qorti tosserva illi, kif jirriżulta mill-provi prodotti, ir-rikorrenti ġia' irċevew ħlas ta' tletin elf Liri Sterlini (Stg 30,000) fit-23 ta' Jannar 2008[22] ossija **erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin elf Euro (€44,877)** bir-rata tal-kambju ġia' fuq imsemmija ta' 1 stg – 1.4959 Euro mill-assikurazzjoni illi huma kellhom, ossija Fortis Services (UK) Ltd.

111. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm tali pagament sar fis-sena 2008, u, tenut kont tad-dewmien tal-proċeduri odjerni, irriżultaw ċertament importanti ħafna għar-rikorrenti in vista taċ-ċirkostanzi straordinarji illi kienu jinsabu fihom, madanakollu ikun opportun illi tali ħlas jitnaqqas mill-ammont komplessiv illi ser jiġi likwidat a favur tar-rikorrenti bħala 'lucrum cessans'.

112. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-każ odjern ilu għaddej sa minn Lulju 2009, u għalhekk ma jimmerita ebda tip ta' tnaqqis fl-ammont pagabbli, peress illi ma huwiex ġust u korrett illi dilungar inutili u żejjed li jkun sar mill-intimati jiġi premjat billi titnaqqas parti mill-ammont dovut minħabba f'pagament f'daqqa.

---

[22] Fol 592

113. Finalment, l-intimati jikkontendu illi r-rikorrenti qiegħed jiperċepixxi xi benefiċċji, liema benefiċċji għandhom jiġu kkunsidrati u mnaqqsin minn dak hekk likwidat.

114. Il-Qorti, madanakollu, ma taqbilx illi għandu jsir kwalsiasi tip ta' tnaqqs, kemm ta' benefiċċji ġia' mħallsa, kif ukoll ta' benefiċċji illi għad iridu jitħallsu, stante illi tant damet il-kawża għaddejja illi, kieku ma kienx għall-benefiċċji imħallsa, ċertament ir-rikorrenti kienu jsofru ferm aktar konsegwenzi għal dak ikkawżat lilhom mill-intimati. Apparti minn hekk, dwar benefiċċji illi għad iridu jiġu perċepiti, ma għandu jsir ebda tnaqqis peress illi tali benefiċċji ser jagħmlu tajjeb għall tibdiliet fiċ-ċirkostanzi illi ċertament ser ikun hemm u li l-Qorti ma hijiex f'pożizzjoni illi tipprovdi għalihom.

115. Għalhekk ma huwa ser isir ebda tnaqqis fl-ammont komplessiv, għajr għal dak fuq imsemmi, ossija l-pagament ġia' minnhom percepit.

- **Somma Dovuta**

116. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala :

   a. *Damnum emergens*: **disgħa u erbgħin elf, mija u tmien Euro (€49,108)**

   b. *Lucrum cessans*: **wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin Euro** (€51,140) x 18 sena (multiplier) x 100 % minħabba paralażi tetrapleġika = **disgħa mija u għoxrin elf, ħames mija u għoxrin Euro (€920,520)** naqqas **erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin elf Euro (€44,877)** ammont ġia' imħallas lir-rikorrenti mill-assikurazzjoni tagħhom, li jagħmel total ta' **tmien mija u sebgħa u ħamsin elf, sitt mija u tlieta u erbgħin euro (€875,643)**.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha kif prodotti quddiem dina l-Qorti u wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi:

**Tillibera** mill-osservanza tal-ġudizzju lil Paul Ebejer, f'ismu personali;

**Tiċħad** l-eċċezzjoniijet kollha tas-soċjeta' kjamata in kawża Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company;

**Tiċħad** l-eccezzjonijiet kollha ta' Luke Curmi s-soċjeta' Water Sports Operations Limited (C 33602) ġia' Sun'N' Fun Water Sports Limited;

**Tiddikkjara** lill-intimati Luke Curmi u s-soċjeta' Water Sports Operations Limited (C 33602) ġia' Sun 'N' Fun Water Sports Limited bħala responsabbli għall-inċident li seħħ fil-25 ta' Lulju 2007 ġewwa l-ibħra fil-viċinanzji tal-bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan fejn John Joseph Burns, li kien fuq saqqu tal-baħar "Crazy Sofa" miġbud minn speedboat, misjuq minn Luke Curmi, spiċċa mtajjar ġewwa l-baħar u paralizzat għal għomru;

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan l-inċident u l-paralażi konsegwenzjali fl-ammont ta' **disgħa u erbgħin elf, mija u tmien Euro (€49,108)** bhala *Damnum Emergens* u **tmien mija u sebgħa u ħamsin elf, sitt mija u tlieta u erbgħin euro (€875,643)** bħala *Lucrum Cessans*, li jagħmlu total ta' **disgħa mija u erbgħa u għoxrin elf, sebgħa mija u wieħed u ħamsin Euro (€924,751)**.

**Tikkundanna** lill-intimati Luke Curmi, Water Sports Operations Limited (C 33602) ġia' Sun 'N' Fun Water Sports Limited u Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta estera American Home Assurance Company in solidum bejniethom biex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' **disgħa mija u erbgħa u għoxrin elf, sebgħa mija u wieħed u ħamsin Euro (€924,751)** in linea ta' danni minnha sofferti.

**Imgħax** dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kollha, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Novembru 2007 u tal-Ittra Uffiċċjali tas-17 ta' Lulju 2009, huma a kariku ta' Luke Curmi, Water Sports Operations Limited (C 33602) ġia' Sun 'N' Fun Water Sports Limited u Montaldo Insurance Agency Limtied għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company in solidum bejniethom għajr għall-ispejjeż ta' Paul Ebejer personalment, illi għandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**